MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 563/1996/1

**John Sammut u Silvio Sammut ghal
Tal-Blat Company Limited**

**v.**

**Direttur tal-Kuntratti u
Direttur Generali Works Division**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi nomine, wara illi ppremettew illi l-kumpanija attrici kienet inghatat kuntratt ta’ xoghol ta’ thaffir u tqeghid ta’ katusi ta’ drenagg f’*Tax-Xama Rising Main* b’materjal kollu fornit mill-konvenuti cioè il-Gvern ta’ Malta; it-*tender* relativ kien dak esibit bhala Dok A u ttiehed versu l-ammont ta’ erbat elef u seba’ mija u hamsin lira (Lm4750) - Dok A1; illi x-xoghol sar il-hin kollu taht is-supervizjoni ta’ l-Inginier tal-Gvern u/jew ir-rapprezentant tieghu; illi matul il-kors tax-xoghol gew riskontrati ghadd ta’ diffikultajiet li htiegu modifikazzjonijiet u xogholijiet ghall-pjani originarjament mahsuba u kollox sar bl-approvazzjoni tal-Gvern; illi x-xoghol kollu gie jiswa tnax-il elf erba’ mija u ghoxrin lira (Lm12420) - Dok B; illi sal-lum l-istanti thallsu biss elfejn tliet mija u tmienja u disghin lira u hamsa u sebghin centesmu (Lm2398.75c) fuq *Treasury Voucher* numru 39100651 - Dok C; illi ghalhekk fadal jithallas lill-istanti bilanc ta’ ghaxart elef u wiehed u ghoxrin lira u hamsa u ghoxrin centesmu (Lm10021.25c) illi minkejja nterpellazzjonijiet bil-fomm u ohrajn bil-miktub u minkejja ittra ufficjali datata 29 ta’ Novembru 1995 il-konvenuti baqghu ma hallsux il-bilanc imsemmi - Dok D; talbu ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddikjara lill-konvenuti, solidament, debituri versu l-istanti ghall-ammont ta’ Lm10021.25c u dan ghar-raguni msemmija; 2. tikkundanna lill-konvenuti, solidament, ihallsu lill-istanti l-ammont imsemmi jew kull somma ohra verjuri li dik il-Qorti tillikwida u tiddikjara bhala dovuta lill-istanti; bl-ispejjez komprizi Lm23 ta’ ittri u konsulti, dawk ta’ l-ittra ufficjali Dok D u <u>bl-imghax</u> minn notifika tac-citazzjoni kontra l-konvenuti solidament li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi nomine, guramentata minn Silvio Sammut, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tal-Kuntratti illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi huwa mhux il-legittimu kontradittur f’din il-kawza u jsegwi li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li hu ma hareg ebda talba ghall-offerta u lanqas il-

*letter of acceptance* biex isir ix-xoghol f'*Tax-Xama Rising Main*. Peress li l-kuntratt kien taht l-ghaxart elef lira, kien ghal kollox fil-kompitu tad-Direttur (Works Division) li johrog it-talba u jiffirma l-*letter of acceptance*;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eccezzjoniet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Direttur tal-Kuntratti u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur Generali tax-Xogholijiet illi permezz taghha eccepixxa:

Illi l-pretenzjoni ta' l-attur (*sic*) hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li huwa thallas l-ammont kollu dovut ghax-xoghol maghmul minnu u dan kif ser jigi elaborat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Direttur Generali tax-Xogholijiet u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-tletin (30) ta' Novembru, 2001 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:
"… wara li tehles lill-konvenut Direttur tal-Kuntratti mill-harsien tal-gudizzju, tikkundanna lill-konvenut Direttur Generali tax-Xogholijiet ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt elef mija u sebgha u tletin lira u tmintax-il centezmu (Lm6,137.18), bl-imghax minn dak in-nhar li saret in-notifika lilu tac-citazzjoni.

L-ispejjez tal-konvenut Direttur tal-Kuntratti thallashom l-attrici; l-ispejjez l-ohrajn jinqasmu hekk: zewg partijiet minn hamsa (2/5) thallashom l-attrici u tliet partijiet minn

hamsa (3/5) jhallashom il-konvenut Direttur Generali tax-Xogholijiet”;

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“Il-fatti ta’ dan il-kaz graw hekk:

“L-attrici nghatat kuntratt mill-gvern biex taghmel xoghol ta’ tqeghid ta’ medda ta’ katusi tad-drenagg. Il-katusi, *concrete* u materjal iehor kellu jipprovdihom il-gvern, u s-supervizjoni tax-xoghol kienet ukoll f’idejn inginier tal-gvern. Il-kuntratt kellu jkun jiswa erbat elef seba’ mija u hamsin lira (Lm4,750).

“Waqt li kien ghaddej ix-xoghol id-dipartiment responsabbli iddecieda illi flok medda wahda ta’ katusi jaghmel tnejn, u ghalhekk ix-xoghol li kellha taghmel l-attrici zdied u b’kollox gie jiswa tnax-il elf erba’ mija u ghoxrin lira (Lm12,420), skond l-attrici, jew tmint elef seba’ mija u wiehed u tmenin lira u tnejn u hamsin centezmu (Lm8,781.52) skond id-dipartiment.

“Wara li tlesta x-xoghol kellu jsir mill-gdid billi l-materjal tal-katusi uzati fil-progett - l-*asbestos* - ma kienx b’sahhtu bizzejjed biex jiflah ghall-pressa tad-drenagg; il-katusi nfaqghu u flokhom saru ohrajn tal-hadid. L-ispejjez biex saru l-katusi tal-hadid kienu ta’ hamest elef hames mija u sebgha u sebghin lira u tmintax-il centezmu (Lm5,577.18), u d-dipartiment qed jippretendi illi dawn l-ispejjez ghandhom jitnaqqsu minn dak li ghandha tiehu l-attrici ghax-xoghol li ghamlet. Qieghed jippretendi wkoll li jsir tnaqqis iehor ta’ erba’ mija u hamsin lira (Lm450) bhala penali ghal dewmien ta’ hmistax-il jum bi tletin lira (Lm30) kulljum, skond il-patt numru sittax (16) tal-kuntratt t’appalt.

“Qabel ma naraw jekk ghandux isir il-hlas li tippretendi l-attrici jew ghandux isir it-tnaqqis li jrid il-konvenut Direttur tax-Xogholijiet, irridu nqisu l-eccezzjoni tal-konvenut Direttur tal-Kuntratti li tghid li dan il-konvenut ma hux il-kuntradittur legittimu.

"Id-Direttur tal-Kuntratti ma kien b'ebda mod involut fil-kuntratt t'appalt li nghata lill-attrici, la fl-ghazla tal-kuntrattur, la fl-approvazzjoni tal-kuntratt, u lanqas bhala parti fil-kuntratt li sar biss bejn l-attrici u d-Dipartiment tax-Xogholijiet. Ghalhekk tassew li ma hux kontradittur legittimu f'din il-kawza u l-ewwel eccezzjoni tieghu ghandha tintlaqa'.

"Naraw issa l-meritu tat-talbiet ta' l-attrici, u nqisu l-ewwel in-nuqqasijiet li ried jaghmel il-konvenut Direttur tax-Xogholijiet. Dawn, kif rajna, huma tnejn: hamest elef hames mija u sebgha u sebghin lira u tmintax-il centezmu (Lm5,577.18) biex saru l-katusi tal-hadid; u erba' mija u hamsin lira (Lm450) minhabba d-dewmien.

"Ix-xiehda mressqa mill-attrici turi li l-katusi cedew mhux ghax tqieghdu hazin mill-attrici izda ghax il-materjal ma kienx ta' sahha bizzejjed. Billi l-ghazla tal-materjal kienet f'idejn id-dipartiment, mhux f'idejn l-attrici, ma jistax jinghad li l-attrici kellha xi htija. Ghalhekk ma ghandux isir it-tnaqqis ghax-xoghol li kien mehtieg biex saru l-katusi l-godda.

"Dwar il-penali minhabba dewmien, il-konvenut ma weriex li dan id-dewmien ma kienx ghax zdied ix-xoghol u ghalhekk kien mehtieg aktar zmien. Billi, ghalhekk, ma hemmx xiehda li kienet l-attrici li tahti ghad-dewmien, lanqas it-tpacija mal-penali ma ghandha ssir.

"Fadal li nqisu issa l-hlas pretiz mill-attrici.

"Il-kont mahrug mill-attrici ghax-xoghol kollu li ghamlet huwa esebit *fol*. 18 tal-process.

"L-ewwel *item* huwa mahdum skond ir-rati tal-kuntratt izda bil-kwantitajiet doppji, *i.e*. elf u erba' mitt metru (1,400m) flok seba' mitt metru (700m). Il-kuntratt jistipula zewg rati ghal skavar: hames liri u nofs (Lm5.50) kull metru ghal fond sa zewg metri, u sitt liri u nofs (Lm6.50) ghal fond ta' aktar minn zewg metri. L-attrici hadmet fuq rata medja, izda, barra milli hemm zball matematiku, ghax il-medja bejn hames liri u nofs (Lm5.50) u sitt liri u nofs (Lm6.50)

hija sitt liri (Lm6.00), mhux sebgha (Lm7.00), l-attrici ma zammitx ukoll l-istess proporzjon stipulat fil-kuntratt. Barra minn hekk, it-trinek kellhom biss jinqatghu usa', mhux jinqatghu darbtejn. Aktar jidher korrett il-kont mahdum mill-konvenut li juri total ta' sitt elef disa' mija u wiehed u hamsin lira (Lm6,951.52) (*sic*) ghal dan l-*item*, flok disat elef u tmien mitt lira (Lm9,800), kif qieghda tippretendi l-attrici. Ghalhekk mill-kont ta' l-attrici ghandu jsir tnaqqis ta' elfejn tmien mija u tmienja u erbghin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm2,848.48).

"L-*items* l-ohra fil-kont ta' l-attrici huma ghal xogholijiet zejda.

"Il-Qorti tosserva izda illi l-attrici qieghda tippretendi hlas zejjed ghal, fost hwejjeg ohra, '*opening access to site*' u '*construction of wall*'. Dawn, izda, ma kinux xogholijiet zejda talli saru zewg meded flok wahda. Is-sit fejn sar ix-xoghol baqa' l-istess, u ghalhekk ma kienx hemm xoghol zejjed biex infetah access, u l-bini ta' hitan huwa inkluz fir-rati miftiehma li gà gew mizjuda: l-ewwel *item* fuq l-iskeda mehmuza mal-kuntratt jinkludi wkoll '*repair of damaged walls*'. Ghalhekk mill-kont ta' l-attrici ghandu jsir tnaqqis tal-hlas pretiz ghal dawn iz-zewg *items*: hames mitt lira (Lm500) u tliet mija u ghoxrin lira (Lm320) rispettivament, b'kollox tmien mija u ghoxrin lira (Lm820).

"Ghandha ssir zieda ta' mija u erbghin lira (Lm140) ghat-tqeghid ta *mesh fabric reinforcement*, imsemmi izda mhux likwidat fil-kont ta' l-attrici, u msemmi u accettat bhala *item B* fit-tielet pagna tal-kont mahdum mill-konvenut.

"Mela mas-somma ta' tnax-il elf, erba' mija u ghoxrin lira (Lm12,420) mahduma mill-attrici ghandhom jizdiedu mija u erbghin lira (Lm140) u ghandu jsir tnaqqis ta' elfejn tmien mija u tmienja u erbghin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm2,848.48) u ta' tmien mija u ghoxrin lira (Lm820). Saru wkoll hlasijiet akkont ta' elfejn tliet mija u tmienja u disghin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm2,398.75) u tliet mija u hamsa u disghin lira u disgha u hamsin centezmu (Lm355.59).

"Wara li jsiru dawn l-aggustamenti fil-kont, il-bilanc jigi sitt elef mija u sebgha u tletin lira u tmintax-il centezmu (Lm6,137.18), kif muri hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| . | Pretensjoni ta' l-attrici | Lm12,420.00 |
| . | *mesh fabric reinforcement* | Lm 140.00 |
| . | tnaqqis | Lm (2,848.48) |
| | | (820.00) |
| . | hlasijiet | Lm (2,398.75) |
| | | (355.59) |
| Jifdal | | Lm 6,137.18" |

Rat ir-rikors ta' appell tal-konvenut Direttur Generali tax-Xogholijiet (ossia Works Division) illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
"… Li din l-Onorabbli Qorti joghgobha

i. tammetti r-rapport fuq imsemmi u jekk jidrilha xieraq li jingiebu x-xhieda li kienu ser jitressqu quddiem l-Ewwel Qorti meta sar ir-rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, u

ii. thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Novembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi, ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut lill-atturi u b'hekk tichad it-talbiet kollha ta' l-atturi u b'dan (*sic*) bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati";

Rat ir-risposta ta' l-appell tas-socjetà attrici illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet hekk:
"… li din il-Qorti … tichad it-talba ta' l-appellant li jressaq xi provi li hu *naqas* li jressaq quddiem l-ewwel Onor Qorti u minflok tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez ta' dan l-appell kontra l-appellant."

Rat illi ma jirrizultax illi l-konvenut Direttur tal-Kuntratti pprezenta risposta ghar-rikors ta' appell;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, kif jirrizulta mis-silta mir-rikors ta' appell hawn fuq citata, l-appellant ghamel zewg talbiet: l-ewwel (1) wahda hija illi dina l-Qorti tikkoncedilu illi jressaq provi godda u t-tieni (2) talba hija illi dina l-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tat-30 ta' Novembru, 2001, fil-limiti illi jissemmew fl-istess talba. Minn qari akkurat tar-rikors kollu ta' l-appell jirrizulta illi huwa possibbli illi tintlaqa' t-tieni talba ta' l-appellant biss jekk tintlaqa' l-ewwel talba tieghu. Infatti, ir-ragunijiet moghtija mill-appellant fir-rikors ta' appell in sostenn tat-tieni talba tieghu huma tista' tghid ghal kollox ibbazati fuq l-evidenza gdida - u illi, ghalhekk, l-ewwel Qorti ma haditx konjizjoni taghha - illi l-appellant qed jitlob illi dina l-Qorti tikkoncedilu illi jressaq;

Ikkunsidrat:

Illi, in sostenn ta' l-ewwel talba tieghu, l-appellant, fir-rikors ta' l-appell issottometta hekk:
"Illi l-ewwel Onorabbli Qorti rrespingiet t-talba tal-esponent, permezz ta' rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, sabiex iressaq rapport sostanzjat b'zewg xhieda peress illi l-atturi opponew tali sospensjoni abbazi tal-fatt illi l-esponent ma ressaqx il-provi tieghu waqt is-smiegh tal-kawza nonostante illi giet differita xi drabi ghal dan l-iskop.

"Illi l-esponent jissottometti illi dan huwa minnu izda r-rapport imsemmi hawn fuq gie a konjizzjoni <u>ta' l-avukati</u> ta' l-esponent xahar qabel is-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Illi din l-ewwel talba ta' l-appellant ma tistax tintlaqa' ghar-ragunijiet segwenti:
(i) M'hemmx dubbju illi r-rikors illi jsemmi l-appellant fis-silta appena citata mir-rikors ta' appell huwa dak intavolat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru, 2001 (fol. 116). Mir-riproduzzjoni hawn taht tat-talba relativa, facilment jigi notat illi, kuntrarjament ghal dak illi qed isostni l-appellant, lill-ewwel Qorti l-appellant ma talabhiex illi tippermettilu jesibixxi rapport (ghalkemm fl-istess rikors

jissemma rapport li “sar minn Bord li c-Chairman tieghu kien il-Perit Joseph A. Briffa”):

“Ghaldaqstant l-esponenti … jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tisma’ lil dawn iz-zewg xhieda.”

L-ewwel Qorti iddisponiet minn dan ir-rikors permezz ta’ digriet datat tnejn u ghoxrin (22) ta’ Novembru, 2001 illi jaqra hekk:
“Il-Qorti: Regghat rat ir-rikors u d-dikriet tas-6 ta’ Novembru 2001 [illi permezz tieghu kienet ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontraparti]; Rat ir-risposta; Kemm ghax ir-rikorrent kellu kemm-il okkazjoni biex iressaq ix-xhieda tieghu, kif ukoll ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta; Tichad it-talba.”

Huwa evidenti illi permezz ta’ dan id-digriet l-ewwel Qorti cahdet kemm it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u kemm it-talba ghall-produzzjoni taz-“zewg xhieda”. Fir-rikors ta’ appell ma hemmx talba ghar-revoka ta’ dan id-digriet u, minghajr din it-talba - u l-eventwali akkoljiment taghha - mhux proceduralment permissibbli illi dina l-Qorti tilqa’ t-talba ta’ l-appellant “… li jingiebu x-xhieda li kienu ser jitressqu quddiem l-ewwel Qorti meta sar ir-rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza”;
(ii) kwantu ghal dik il-parti tat-talba in ezami illi permezz taghha dina l-Qorti qed tintalab “tammetti r-rapport fuq imsemmi”, jinghad biss illi r-raguni illi avanza l-appellant in sostenn ta’ din it-talba, jigifieri illi “ir-rapport imsemmi hawn fuq gie a konjizjoni ta’ l-avukati ta’ l-esponent xahar qabel is-sentenza ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti” mhix legalment valida. F’dan il-kuntest, huwa interessanti illi jigi notat illi l-appellant, la fl-imsemmi rikors tal-24 ta’ Ottubru, 2001 u anqas fir-rikors ta’ appell ma allega illi huwa sar jaf bl-ezistenza ta’ dan ir-rapport wara illi inghalaq l-istadju tal-gbir tal-provi quddiem l-ewwel Qorti. Fl-ahharnett, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija tal-fehma illi ma tirrikorri ebda cirkostanza imsemmija fl-Artikolu 150 tal-Kap. 12 illi minhabba fiha ghandha

tippermetti l-produzzjoni ta’ l-imsemmi rapport f’dan l-istadju;

Ikkunsidrat:

Illi, ladarba l-ewwel (1) talba ta’ l-appellant ma tistax tintlaqa’, kif già inghad, mhux possibbli illi tintlaqa’ t-tieni (2) talba tieghu;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant Direttur Generali tax-Xogholijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------